# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 10**

**Rikors numru 218/20/2 LM**

**Keith Schembri; Josette Schembri Vella; Alfio Schembri; Josephine Schembri; Navis Logistics Limited (C94559); Kasco Limited (C25890); Kasco Recycling (C42762); Its Good Limited (C44687); FSV Limited (C37531); Tekhne Industrial Limited (C58648); Kasco Engineering Company (C34257); Berner Malta Limited (C60364); 3City Designs Limited (C44007); Kasco Holdings Limited (C17886); Malcolm Scerri; Silvestra Silvia Scerri; Daniel Scerri; Karyn Scerri; ThoughtZone Limited (C63174); Acumen Projects Limited (C64987); Simon Poulton; Sarah Poulton ;Sean Poulton**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat; L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

1. Fil-kawża kostituzzjonali fl-istess ismijiet, il-kumpaniji rikorrenti Navis Logistics Limited, Kasco Limited, Kasco Recycling Limited, Its Good Limited, FSV Limited, Kasco Engineering Company Limited, Berner

Malta Limited, 3 City Designs Limited u Kasco Holdings Limited ippreżentaw rikors li bih talbu lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla sabiex proviżorjament taħtar amminstratur jew amministraturi għalihom sabiex ikunu jistgħu jibqgħu joperaw taħt is-sorveljanza tal-Qorti. Dan wara li l-Qorti Kriminal ħarġet ordni ta' sekwestru u investigazzjoni skont l-Artikolu 4 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta kontrihom. Ir-rikorrenti jilmentaw li dik l-ordni ipparalizzat l-operat kollu tagħhom, u jeżisti periklu serju li l-kumpanija jispiċċaw f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja li tista' twassal għall-falliment tagħhom.

2. Il-fatti li wasslu għal dawn il-proċeduri huma:

i. Keith Schembri għandu 99% tal-ishma fil-kumpanija Kasco Holdings Limited, liema kumpanija għandha ishma fil-kumpaniji l-oħra. Kumpaniji li jimpjegaw diversi nies.

ii. Fil-21 ta' Settembru 2020, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, il-Qorti ħarġet ordni ta' investigazzjoni u sekwestru *ai termini* tal-Artikolu 4 tal-Att dwar Money Laundering (Kap. 373). Skont dik l-ordni l-kumpaniji appellati huma kollha suspettati b'reat taħt l-Art. 3 tal-istess liġi.

iii. Keith Schembri kien arrestat matul il-lejl tal-21 ta' Settembru 2020.

iv. Fit-22 ta' Settembru 2020 il-Qorti Kriminali reġgħet ħarġet ordni oħra ta' investigazzjoni u sekwestru fil-konfront ta' persuni oħra, inkluż l-appellata Kasco Holding Limited.

v. Fl-24 ta' Settembru 2020 uħud mir-rikorrenti ppreżentaw rikors li bih talbu wkoll lill-Qorti Kriminali sabiex tinnomina amministratur sabiex il-kumpaniji jkunu jistgħu jkomplu bin-negozju.

vi. B'deċiżjoni tal-25 ta' Settembru 2020 il-Qorti ċaħdet it-talba wara li kkonkludiet li l-Artikolu 4 tal-Kap. 373 *".... huwa sieket kompletament dwar il-miżura li jiġi maħtur amministratur mill-Qorti Kriminali. Dan il-vakum ma jistax jiġi mimli minn din il-Qorti. Anzi huwa vakum li bħal issa qiegħed jiġi diskuss fl-abbozz ta' Liġi numru 160 .....".*

vii. Fit-2 ta' Ottubru 2020 ir-rikorrenti ppreżentaw kawża kostituzzjonali u ilmentaw li l-Artikolu 4 tal-Kap. 373 ma jagħtix rimedju ordinarju lill-persuni milquta b'ordni ta' investigazzjoni u sekwestru, sabiex jikkontestaw tali ordni. Ilmentaw ukoll minn ksur tal-jedd għal smigħ xieraq protett taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u 39(8) tal-Kostituzzjoni.

3. B'deċiżjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 l-ewwel Qorti ddeċidiet:

*"Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija tiddeċiedi illi bħala miżura proviżorja għandu jinħatar amministratur jew amministraturi taħt l-awtorita' ta' din il-Qorti u taħt is-sorveljanza tal-Avukat Ġenerali, sabiex jamministra jew jamministraw l-operat tas-soċjetajiet rikorrenti b'tali mod li dawn ma jsofrux preġudizzju irrimedjabbli u jiġi evitat il-falliment tagħhom.*

*"Il-partijiet qegħdin jingħataw jumejn żmien mil-lum sabiex permezz ta' nota konġunta jindikaw għal konsiderazzjoni tal-Qorti min jista' jkunu jew ikunu l-persuna jew persuni li jaqblu dwaru jew dwarhom il-partijiet, li jista' jingħata jew jingħataw dan l-inkarigu, u bit-terms of reference maqbula mill-partijiet"*.

4. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Qorti tal-ewwel grad li sabiex tiddeċiedi b'dak il-mod kienu:

*"Tibda biex tgħid li skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jistgħu jinħarġu miżuri provviżorji, li huma miżuri ta' natura urġenti, biss fejn ikun hemm riskju imminenti ta' ħsara irreparabbli. Dawn il-miżuri jinħarġu fir-rigward ta' proċeduri quddiem il-Qorti, bla preġudizzju għal deċiżjonijiet sussegwenti dwar l-ammissibilità jew il-mertu tal-każ inkwistjoni.*

*"Tgħid ukoll li ma taqbel xejn mas-sottomissjonijiet tal-intimati fejn qalu li b'effett tal-ordni ta' sekwestru u investigazzjoni jista' jkun li s-soċjetajiet rikorrenti jkollhom jieqfu milli joperaw sakemm l-ordni tibqa' in vigore għal perijodu li jista' jieħu anki sa sena. Il-Qorti assolutament ma taqbilx ukoll fejn intqal mill-intimati li huma ma jistgħux jaċċettaw li s-soċjetajiet rikorrenti jibqgħu joperaw bħallikieku mhija għaddejja l-ebda investigazzjoni. Evidentement l-iskop ta' ordni ta' sekwestru mhuwiex u m'għandux ikun dak li jwaqqaf lill-kumpanniji sekwestrati milli jkomplu joperaw, imma li l-assi tas-soċjetajiet rikorrenti jiġu ppreservati pendenti l-eżitu tal-investigazzjonijiet u li ma jkunx hemm movimenti ta' assi li jistgħu jwasslu biex jiġu intralċjati l-investigazzjonijiet u jintilfu l-assi tal-kumpanniji. Sakemm l-assi tas-soċjetajiet rikorrenti jibqgħu imħarsa u ppreservati, u sakemm l-investigazzjonijiet ma jiġu mxekkla bl-ebda mod, il-Qorti tqis li jkun fl-aħjar interess ta' kulħadd, inkluż tal-intimati, li s-soċjetajiet rikorrenti jibqgħu joperaw kemm jista' jkun b'mod kontinwu.*

*"Jirriżulta mill-provi li b'effett tal-ordni ta' sekwestru ġie pparalizzat bl-aktar mod drastiku u devastanti l-operat tas-soċjetajiet rikorrenti, li spiċċaw f'sitwazzjoni fejn inter alia ma jistgħux jinqdew b'faċilitajiet bankarji sabiex jiddepożitaw ħlasijiet li jsiru lilhom mid-debituri tagħhom*

*u li jagħmlu pagamenti lill-kredituri tagħhom; iħallsu l-pagi tal-impjegati tagħhom fil-ħin; li fl-operat tagħhom ikunu koperti b'insurance cover adegwat; li jiżguraw li l-merkanzija li tkun ġejja minn barra tasal fil-ħin; u għal dawk li huma perishables, li dawn jibqgħu ta' kwalità tajba. Dan kollu jfisser li f'temp ta' ftit ta' ġimgħat jekk mhux ġranet, is-soċjetajiet rikorrenti ser ikunu kostretti li jagħlqu l-bibien tagħhom u jiddikjaraw falliment jekk l-affarijiet jibqgħu kif inhuma.*

*"Il-Qorti tqis li l-intimati setgħu waslu għall-istess skop li l-leġiżlatur ried li jintlaħaq bil-ħruġ ta' ordni ta' investigazzjoni u sekwestru, mingħajr ma jkollhom għalfejn jirrikorru għall-mezz daqshekk drakonjan u sproporzjonat, li ser iwassal għall-falliment tas-soċjetajiet rikorrenti, u kellu jkun l-intimat Avukat Ġenerali stess li flimkien mat-talba lill-Qorti Kriminali sabiex tinħareġ ordni ta' investigazzjoni u ta' sekwestru, jagħmel talba sabiex jiġi maħtur amministratur provviżorju li jkun persuna tal-fiduċja tal-intimati u li jkun inkarigat li jieħu ħsieb l-amministrazzjoni ordinarja tas-soċjetajiet rikorrenti taħt is-sorveljanza tal-Qorti.*

*"Il-Qorti tirrakkomanda li l-leġiżlatur għandu jkun ċar f'dan ir-rigward, illi fejn ordni ta' investigazzjoni u ta' sekwestru li ssir taħt l-artikolu 4 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta tolqot an ongoing business concern, il-ħatra ta' amministratur għandha tkun waħda tassattiva u mhux fakoltattiva.*

*"Il-Qorti tqis illi jekk ma tiġix milqugħa l-imsemmija miżura proviżorja għall-ħatra ta' amministratur, dan ifisser li s-soċjetajiet rikorrenti ħa jiffaċċjaw riskju reali ta' ħsara gravi u irriversibbli, għaliex bl-għeluq tas-soċjetajiet rikorrenti, l-avvjament tagħhom jispiċċa fix-xejn u dawn jispiċċaw iġarrbu telf enormi fil-valur tal-assi fissi u kurrenti tagħhom.*

*"Tqis illi l-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru ai termini tal-artikolu 4 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr il-kontrobilanċ tal-ħatra ta' amministratur provviżorju, prima facie għandha titqies bħala miżura għalkollox sproporzjonata li għandha l-istess effett ta' teħid sfurzat tal-proprjetà tas-soċjetajiet rikorrenti, għaliex bil-falliment tagħhom dawn il-kumpanniji li kienu jirreġistraw profitt, ser jispiċċaw jagħmlu tant telf li ħa jkollhom jagħlqu. Għas-soċjetajiet rikorrenti dan ix-xenarju litteralment jista' jfisser 'id-daqqa tal-mewt' tagħhom.*

*"Fuq kollox l-iskop innifsu ta' ordni ta' sekwestru li permezz tiegħu jiġu ppreservati l-assi tas-sekwestrati, jista' jiġi kompletament disfatt u stultifikat jekk ma jinħatarx amministratur mill-Qorti, għaliex ċertament il-valur tal-assi ta' a going concern huwa ferm aktar sostanzjali mill-valur tal-assi ta' kumpannija li qiegħda tiġi likwidata. Jaf ikun kontrasens dak li ntqal mill-intimati fir-risposta tagħhom, illi kull Stat għandu l-obbligu li jipproteġi r-rikavat ta' kull allegat reat kriminali, jekk konsegwenza ta' ordni ta' sekwestru mingħajr ħatra ta' amministratur, l-assi tas-soċjetajiet rikorrenti jispiċċaw jiġu żvalutati u dissipati".*

5. B'rikors preżentat fit-30 ta' Ottubru 2020 l-appellanti appellaw mid-deċiżjoni filwaqt li fit-2 ta' Novembru 2020 l-appellati ippreżentaw tweġiba li fiha taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

6. L-argumenti prinċipali tal-appellanti fir-rikors tal-appell huma li:

i. Miżura proviżorja li tingħata f'kawża kostituzzjonali, hi miżura straordinarja u qatt ma ntlaqgħu talbiet bħal dik meritu ta' dan l-appell. F'dan il-każ m'hemmx riskju għall-ħajja, tortura jew trattament ħażin. Miżura proviżorja tiġi adottata mill-Qorti Ewropea f'każijiet ta' deportazzjoni u espulsjoni għall-pajjiżi fejn hemm riskju kbir għall-ħajja.

ii. Min jitlob rimedju proviżorju għandu juri li hemm *'prima facie'* ksur ta' jedd fundamentali. M'għandux ikun li wieħed joqgħod fuq sitwazzjoni ipotetika jew li mhux ċerta li seħħ.

iii. Miżura proviżorja hi att kawtelatorju sabiex iwaqqaf persuna milli tagħmel xi ħaġa u mhux biex iġġiegħel lil xi ħadd jagħmel xi ħaġa.

iv. Rimedju bħal dak m'għandu qatt iwassal sabiex jippreġudika investigazzjoni tal-pulizija.

v. Il-Kap. 373 imkien ma jikkontempla l-possibilta' ta' ħatra ta' amministratur. Fatt li dwaru diġa` ikkummentat il-Qorti Kriminali fid-deċiżjoni li tat fid-9 ta' Ottubru 2020. Din il-Qorti m'għandhiex isservi bħala qorti tat-tielet istanza b'mod li twassal għal *forum shopping*.

vi. F'dan il-każ m'hemmx ċirkostanzi *"daqshekk gravużi li jimmilitaw favur il-ħruġ ta' miżura proviżorja għaliex ma hemmx kwistjoni ta' theddid fuq il-ħajja jew l-inkolumita` fiżika"*.

vii. L-appellati ma pprovaw l-ebda riskju reali u imminenti ta' danni serji u irreparabbli iżda nsibu biss *fumus* mhux sostanzjat.

viii. L-appellanti ma jaqblux li l-amministratur għandu jinħatar taħt l-awtorita` tal-Qorti Ċivili. Komplew li b'hekk il-Qorti Ċivili ser tkun qegħda tidħol f'investigazzjoni kriminali li għadha għaddejja permezz tal-ħatra ta' amministratur, meta hi l-Qorti Kriminali li ordnat il-ħruġ tal-ordnijiet ta' investigazzjoni u sekwestru. L-appellanti ma jaqblux mal-ordni li tat l-ewwel Qorti għaliex meta ddeċidiet li l-amministratur għandu jkun taħt l-awtorita` tagħha u sorveljat mill-Avukat Ġenerali, ġiet li eskludiet kompletament lill-Qorti Kriminali.

7. B'mod ġenerali illum hu aċċettat mill-ġurisprudenza li fejn persuna tallega ksur ta' jeddijiet fundamentali protetti taħt l-Artikoli 33 sa 45 tal-

Kostituzzjoni, tista' ssir talba għall-ordni proviżorja sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali. Fir-rigward ta' proċeduri quddiem il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem jeżisti regolament 39 fir-Rules of Court li jipprovdi għall-*interim measures*. M'hemmx disposizzjoni simili fil-liġi lokali. Miżuri li jiġu addottati minn dik il-qorti fl-interess tal-partijiet jew għat-tmexxija tal-proċeduri. Rimedju li jingħata biss fejn hemm riskju immedjat ta' ħsara irrimedjabbli.

8. Ma teżistix lista li fiha jissemmew il-każijiet meta f'kawża kostituzzjonali, li titratta dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali, il-qorti tista' tagħti ordni proviżorja sabiex issir xi ħaġa jew twaqqaf milli jkompli ssir xi ħaġa. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti li ordni simili tista' tingħata biss sabiex twaqqaf persuna milli tagħmel xi ħaġa. Sabiex titwaqqaf persuna milli tagħmel xi ħaġa, hemm ir-rimedju tal-mandat ta' inibizzjoni.

9. Hu fatt li hemm ġurisprudenza li tgħid li sabiex tingħata ordni simili hu meħtieġ li r-rikorrent jissodisfa lill-Qorti li *prima facie* hemm ksur ta' jedd fundamentali. Il-Qorti tosserva li l-iskop wara dawn it-tip ta' ordnijiet m'huwiex dak li l-Qorti tagħti xi fehma dwar il-meritu tal-kawża li jkollha quddiemha, iżda li tagħti ordni li tkun tiżgura li r-rikorrent ma jsofrix preġudizzju li jista' jkollu konsegwenzi serji ħafna u irriversibbli. Dan iktar u iktar fejn ir-rikorrenti ntlaqtu minn ordni li qiegħed ikollha effett tant qawwi fuq in-negozju, u liema ordni tista' ttul sa massimu ta' tnax-il xahar

(ara Art. 4(11) tal-Kap. 373) minn meta nħarġet. Dan fi stadju meta l-appellati għadhom biss 'suspettati' u għadha qiegħda ssir investigazzjoni u ħadd mis-suspettati għadu ġie akkużat fil-qorti. Dan apparti li għal negozju kull ġurnata li tgħaddi taf tkun waħda kruċjali. Fiċ-ċirkostanzi l-ilmenti tar-rikorrenti fir-rikors promotur li bih bdew il-kawża kostituzzjonali, mad-daqqa t'għajn ma jidhrux li huma fiergħa.

10. L-appellanti ilmentaw ukoll li ordni simili m'għandhiex tingħata b'mod li tippreġudika investigazzjoni tal-pulizija. Pero` ma spjegawx kif il-ħatra ta' amministratur għall-kumpaniji ser tfixkel il-pulizija fl-investigazzjoni. L-ordni ta' investigazzjoni u ta' sekwestru ser jibqgħu fis-seħħ u l-pulizija hi libera li tagħmel l-investigazzjonijiet kollha li jidhrilha li għandha tagħmel. Il-Qorti ma tistax tibbaża deċiżjoni fuq sempliċi *sweeping statement* tal-appellanti. L-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru m'hijiex ordni sabiex il-kumpaniji appellati iwaqqfu n-negozju leċitu tagħhom. L-appellati jistgħu jkomplu bin-negozju, iżda ovvjament l-ordni ta' sekwestru notifikata lil dawk is-sekwestratarji kollha li jissemmew fl-ordni, qegħda tagħmilha impossibbli li jkomplu joperaw in-negozju tagħhom. Hekk per eżempju fost is-sekwestratarji hemm il-banek u d-Dipartiment tad-Dwana. Hu għalhekk essenzjali li jkun hemm amministratur f'dan l-istadju sabiex dak li m'hemmx suspetti raġjonevoli dwaru ikun jista' jkompli jsir, u b'dak il-mod l-eżistenza tal-kumpanija ma tibqax fil-periklu.

11. Hu veru li l-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba tal-appellati għan-nomina ta' amministratur diment li hemm l-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru fis-seħħ. Madankollu t-talba ġiet miċħuda mhux għaliex ma kinitx ġustifikata, iżda għaliex skont dik il-qorti l-liġi ma kinitx tagħtiha l-poter li tqabbad amministratur sabiex jieħu f'idejh in-negozji varji tal-kumpaniji appellati. Għalhekk l-argument tal-appellanti li każ bħal dan iwassal għal *forum shopping*, hu żbaljat. Il-Qorti Kriminali fid-deċiżjoni tad-9 ta' Ottubru 2020 għamlitha ċara li f'dan l-istadju ma tistax tagħti rimedju.

12. Inoltre, il-fatt li l-Att kontra l-Money Laundering (Kap. 373) ma jikkontemplax il-possibilita` li jinħatar amministratur ma kienx jipprekludi lill-ewwel Qorti milli tagħti ordni proviżorja. Dan iktar u iktar meta l-liġi ordinarja ma tipprovdix għall-proċedura sabiex suspettat minn ordni ta' sekwestru jitlob lil dik il-qorti sabiex tirrevoka l-ordni.

13. Hu ovvju li l-kumpaniji appellanti għandhom jedd li jiżguraw li l-assi tagħhom jiġu preżervati u li ma jitpoġġewx fil-periklu li n-negozju u eventwalment huma jisfumaw fix-xejn. Dan apparti l-interess ta' min innegozja magħhom u hu kreditur tagħhom.

14. Il-Qorti żżid li l-Art. 5 tal-Kap. 373 jipprovdi għas-sitwazzjoni fejn persuna tkun akkużata b'reat taħt l-Art. 3 tal-istess liġi. Fuq talba tal-

prosekuzzjoni l-Qorti għandha tordna l-iffrizzar tal-proprjeta` tal-persuna akkużata. B'dan li skont dik l-istess disposizzjoni l-Qorti tista' tawtorizza lill-akkużat biex jitrasferixxi proprjeta` u wkoll li jħallas djun lill-kredituri *bona fide*. Dan apparti li f'subartikolu (3) tal-Art. 5, minħabba ċirkostanzi partikolari l-Qorti għandha l-awtorita` li tvarja dik l-ordni. Hemm anomalija meta tikkunsidra li fil-każ ta' persuna akkużata l-qorti għandha dak il-poter, filwaqt li fil-każ ta' persuna suspettata l-liġi ma ssemmi xejn u anzi f'subartikolu (11) tal-Art. 4 jingħad espressament li l-ordni ta' sekwestru jispiċċa fi żmien sitt xhur, *"kemm-il darba ma jiġix revokat aktar kmieni mill-Avukat Ġenerali"*.

15. Keith Schembri, direttur ta' Kasco Holdings Limited, xehed dwar id-diffikultajiet li l-ordnijiet għandhom fuq il-kumpaniji milquta mill-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru (seduta tat-13 ta' Ottubru 2020). Evidenti li f'dan il-każ jekk ma jinstabx rimedju n-negozji varji li jwettqu l-appellati, ser jaslu f'xifer irdum fi żmien qasir. Kienet għalhekk altru milli ġustifikata l-ordni li tat il-Qorti tal-ewwel grad. L-appellati altru milli wrew li jekk ma jsir xejn, fi żmien qasir ser isofru preġudizzju irrimedjabbli għalihom. Ovvjament l-ordni għall-ħatra tal-amministratur ma jfissirx li l-ordnijiet ta' investigazzjoni u sekwestru jitilfu l-effett tagħhom. Il-presenza ta' amministratur ser tiżgura li diment li hemm l-investigazzjoni għaddejja, dak kollu li jiġi permess li jsir mill-kumpaniji jkun *above board*.

16. Għal dak li jirrigwarda n-nomina ta' amministratur u lil min ser ikun qiegħed jirrispondi, il-Qorti hi tal-fehma li għandha tkun il-Qorti Kriminali li tagħżel il-persuna u tagħti dawk l-ordnijiet li jkun hemm bżonn fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu. Wara kollox kienet il-Qorti Kriminali li laqgħet it-talba għall-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru, wara li kkonkludiet li kienet sodisfatta li hemm raġunijiet biżżejjed ta' suspett li l-persuni suspettati, li jinkludu l-appellati, huma ħatja ta' reati skont l-Art. 3 tal-Att dwar *Money Laundering*. Min-naħa l-oħra l-kompitu tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla hu limitat li tistħarreġ u tiddeċiedi dwar l-ilment tar-rikorrenti fil-kawża kostituzzjonali, ċioe` li l-Artikolu 4 tal-Kap. 373 ma joffrix rimedju lir-rikorrenti u b'riżultat ta' hekk sofrew ksur tal-jeddijiet fundamentali li jissemmew fir-rikors promotur u tagħti rimedju f'każ ta' ksur. Dik il-Qorti m'hijiex il-*forum* adattat sabiex tagħti d-direzzjoni meħtieġa lill-amministratur kull meta jkun hemm bżonn, iktar u iktar meta ma kinitx dik il-qorti li tat l-ordni ta' investigazzjoni u sekwestru. Irrispettivament minn dak li jipprovdi l-Art. 4 tal-Kap. 373, il-Qorti Kriminali qegħda fl-aħjar posizzjoni li tissorvelja u tagħti l-ordnijiet li hemm bżonn lill-amministratur. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li għandha aċċess għall-informazzjoni li m'hijiex għad-disposizzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad u ta' din il-Qorti, u li a bażi ta' liema informazzjoni ikkonkludiet li hemm raġunijiet biżżejjed ta' suspett li l-persuni li fl-ordni ġew identifikati bħala suspettati, huma ħatja ta' reat ai termini tal-Art. 3 tal-Kap. 373. F'dan ir-rigward kemm l-ewwel Qorti u din il-Qorti, fi kwistjonijiet ta' din ix-xorta għandhom il-kompetenza

li jagħtu r-rimedji li huma meħtieġa, ukoll dawk provviżorji. F'dan il-każ dan jinkludi li ssemmi l-awtorita` ġudizzjarja li għandha tiżgura li titwettaq l-ordni proviżorja li ngħatat minn din il-Qorti.

Għal dawn il-motivi qegħda tilqa' biss parzjalment l-appell tal-appellanti u tvarja d-deċiżjoni tal-Qorti tal-ewwel grad tal-14 ta' Ottubru 2020 fis-sens li l-amministratur għandu jintagħżel mill-Qorti Kriminali wara li tisma' lill-partijiet. Spejjeż tal-amministratur ikunu għall-kumpaniji appellati, bla preġudizzju għal kwalsiasi dritt li jista' għandhom fil-futur. Inoltre, l-amministratur għandu jwettaq id-dmirijiet tiegħu taħt id-direzzjoni u l-awtorita` tal-Qorti Kriminali diment li jibqgħu fis-seħħ l-ordnijiet ta' investigazzjoni u sekwestru tal-21 u 22 ta' Settembru 2020. Tiċħad il-kumplament tal-appell tal-appellanti u tikkonferma il-kumplament tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti.

Spejjeż tal-appell a karigu tal-appellanti ġialadarba fil-meritu ma ngħatawx raġun.

Tordna lir-Reġistratur sabiex kopja legali ta' din id-deċiżjoni tintbagħat minnufih lill-Qorti Kriminali sabiex tagħti l-ordnijiet li hemm bżonn sabiex l-appellanti Navis Logistics Limited (C94559), Kasco Limited (C25890), Kasco Recycling Limited (C42762), Its Good Limited (C44687), FSV Limited (C37531), Kasco Engineering Company Limited (C34257),

Berner Malta Limited (C60364), 3City Designs Limited (C44007) u Kasco Holding Limited (C17886) jitmexxew minn amministratur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr